**13 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Innocenza Debattista et.

*versus*

Giovanni Farrugia

**Ġudikat — Board tal-Kera.**

*Biex kun hemm il-ġudikat jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, ċjoè l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawżali; jiġifieri illi s-sentenza ta' qabel tkun ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett, u għall-istess kawżal ("eaedem personae, eadem res, eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida. Għalhekk, għall-akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, irid jiġi stabbilit li d-deċiżjoni ta' qabel ġiet mogħtija f kawża bejn l-istess persuni li huma partijiet fil-kawża li ssir wara, u li kellha bħala oġġett u kawżali dawk stess dedotti fl-ewwel kawża.*

*Jekk jonqos l-element tal-identità tal-persuni, ma hemmx bżonn issir l-indaġini jekk hemmx ir-rekwiżiti tal-identità tal-oġġett u tal-identità tal-kawżali; għax ġudikat ma jkunx hemm.*

*Jekk il-kawża l-oħra, li s-sentenza mogħtija fiha tiġi nvokata bħala ġudikat fil-kawża li ssir wara, ġiet maqtugħa mill-Board tal-Kera; fejn kienu partijiet uħud mill-persuni li jidhru fit-tieni kawża, imma f'din it-tieni kawża hemm ukoll xi parti li ma kienetx dehret fl-ewwel kawża quddiem il-Board tal-Kera, ma jistgħax jiġi fit-tieni kawża nvokat il-ġudikat naxxenti mill-ewwel kawża.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 1957, fejn jinsabu riportati d-domandi tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza opposta mill-konvenut, billi ġie dikjarat li din il-Qorti hija inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Diċembru 1957, li biha ġiet revokata l-imsemmija deċiżjoni billi ġie

dikjarat li din il-Qorti, u mhux il-Board li Jirregola l-Kera, hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dil-kawża; u għal dan l-effett ġie ordnat li l-atti jiġu rinvijati lil dil-Qorti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, relattivi għall-inċident, kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għall-azzjoni tal-atturi l-konvenut jopponi l-ġudikat, billi jissottometti li l-atturi ġa avanzaw it-talbiet tagħhom, minnhom dedotti b'dil-kawża, quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, u l-istess talbiet ġew definiti mill-istess Board b'deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 1945;

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni;

Illi, biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ il-konkors ta' t'iet elementi, ċjoè l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawżali, ċjoè li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali ("eaedem personae, eadem res, eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida. Għalhekk, għall-akkoljiment tal-imsemmija eċċezzjoni, irid jiġi stabbilit li d-deċiżjoni ġa msemmija tas-6 ta' Ġunju 1945 ġiet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni li huma partijiet f'dil-kawża, u li kellha bħala oġġett u kawżali dawk stess dedotti f'din il-kawża;

Illi ma hemmx bżonn li ssir l-indaġini jekk hemmx ir-rekwiżit tal-identità tal-oġġett u dak tal-identità tal-kawżali, għaliex jonqos il-ġudikat minħabba li ma jikkonkorrix ir-rekwiżit tal-identità tal-persuni. Infatti, biex ikun hemm dan ir-rekwiżit, jeħtieġ "che la domanda corra fra le medesime parti, e che sia proposta da esse e contro di esse nella medesima qualità. La cosa giudicata consistendo in una verità puramente relativa, si restringe per conseguenza alle persone fra le quali è stato pronunziato il giudicato. *Del resto, quanto alla necessità di identità* delle parti, dessa deriva, come è evidente, dalla essenza intima del concetto di giustizia, per cui è domandato che

non si possa condannare, e per riflesso non si possa portar pregiudizio alle ragioni di una persona, senza che questa sia stata messa nella possibilità di potersi difendere — 'ne inauditus condemnetur' " (Digesto Italiano, Vol. VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para. 58). Issa waqt li fil-kawża l-oħra deċiża mill-Board tal-Kera l-partijiet kienu biss, minn banda r-rikorrent Innocenzo Debattista, li f'din il-kawża qiegħed jiffigura bħala attur, ċjoè wieħed mill-atturi, u mill-banda l-oħra l-intimat Giovanni Farrugia, li f'din il-kawża qiegħed jiffigura bħala konvenut, fil-kawża odjerna tiffigura wkoll bħala parti, ċjoè bħala attriċi, il-mara tal-attur, jiġifieri Francesca Debattista, li ma kienetx bl-ebda mod parti fil-kawża l-oħra deċiża mill-istess Board;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni, sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferrixxi l-kawża "sine die", rijappuntabbli b'rikors ta' kull waħda mill-partijiet wara li din is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat.